**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum 13 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Numru: 197/2017 CSH**

**Salvu Galea (I.D. 618956M)**

**vs**

**Cristiano Buzzelli detentur tal-passaport Taljan Nru: 8887779**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors prezentat minn Salvu Galea fis-17 ta' Lulju, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Cristiano Buzzelli jhallsu s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€13,985.25) V.A.T. inkluz, import ta' bilanc ta' prezz dovut lill-mittenti, rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni, finitura kif ukoll xogholijiet ulterjuri ezegwiti fuq struzzjonijiet tieghu gewwa l-fond 54, Triq Blanche Huber, Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 815/2017, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors kontra l-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat kif jidher min-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili prezentata fl-atti nhar l-10 ta' Mejju, 2018 (fol 19), fejn anness ma din in-nota hemm in-notifika posittiva li saret gewwa l-Italja mill-Ufficiale Gudizziario Marco Orsini fil-21 ta' Frar, 2018.

Il-Qorti rat illi l-konvenut gie notifikat ukoll permezz ta' avviz li deher fl-estratt fil-gazzetta lokali The Independent datat 9 ta' Mejju, 2018.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 il-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ipprezenta risposta fl-atti.

Konsegwentement, il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u hamsa u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€13,985.25) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 815/17 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors.

Magistrat

Deputat Registratur